KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 394 B'Urġenza

It-Tlieta 21 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## 394.1 Qari tal-ittra tar-riżenja tas-Sindku

Is-Sindku Dr. Kurstein Sant qara l-ittra tar-riżenja mill-kariga ta' Sindku.
Huwa rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill tal-kollaborazzjoni tagħhom tul il-kariga tiegħu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff amministrattiv u wiegħed li jkompli jagħti l-kontribut lejn il-komunita' Siġġiwija bħala Kunsillier.

Huwa stieden lil Viċi Sindku sabiex tieħu l-funzjonijiet ta' Sindku, kif rikjest f'Artikolu 31, Sub artikoli 2, tal-Att dwar il-Gvern Lokali Kap 363. Il-Viċi Sindku m'aċċettatx il-kariga ta' Sindku.

Peress li l-Viċi Sindku ddikjarat li m'aċċettatx il-kariga ta' Sindku, ġie mistieden il-Kunsillier Dominic Grech bħala l-Kunsillier l-iktar anzjan biex jaqdi l-funzjoni ta' Sindku.

## 394.2 Ħatra ta' Sindku

Il-Kunsillier Dominic Grech ikkonferma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Huwa iffirma l-aċċettazzjoni tal-Kariga u preżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 394.3 Ġurament tal-Ħatra ta' Sindku

Fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja, Dr. Martina Herrera, il-Kunsillier Dominic Grech ħa l-ġurament tal-kariga ta' Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv b'mod simboliku għaddiet l-Insinja lis-Sindku.

Is-Sindku għamel diskors tal-okkazjoni u għalaq is-Seduta.

Il-laqgħa intemmet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 3 t'Awissu 2020

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |